# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 108/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**MOUSA SULAYMAN MOUSAY BIN HUSAYN**
**(ID: 139231A)**

**Illum, 19 ta' Frar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **MOUSA SULAYMAN MOUSAY BIN HUSAYN**, detentur ta' karta ta' l-identita' 139231(A), tressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-18 ta' Frar, 2019, ghall-habta tas-6:30 ta' filghaxija, gewwa residenza bl-indirizz 31, Triq Zammit Clapp, Pieta':-

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Pedro Omoregie, u permezz ta' arma li taqta' u bil-ponta kkagunalu griehi ta' natura hafifa hekk skond ma

gie ccertifikat minn Dr. Angel Galdes M.D. (Reg. No. 3823) mill-Isptar Mater Dei.

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Pedro Omoregie jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuni offiza u l-familja taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2019, l-imputat waqt l-ezami, ammetta l-htija tieghu, u dan billi wiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, meta wissiet lil-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegatlu l-imputazzjoni li jinsab mixli biha u l-piena erogabbli, u kif ukoll issospendiet fattwalment is-seduta biex taghti zmien lill-imputat biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Rat illi wara li regghet issejhet il-kawza, l-imputat fuq mistoqsija tal-Qorti iddikjara li ma ghandux bzonn iktar hin biex jikkontempla l-ammissjoni tieghu u kkonferma l-istess ammissjoni;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat ammetta waqt l-ezami ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) u 453(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet debitament ippruvata u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess imputazzjoni.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom ic-cirkostanzi li taw lok ghall-akkuza skont kif jirrizultaw mill-istqarrija tal-imputat kif ukoll mill-*Police Incident Report*, fejn jidher illi l-imputat x'aktarx ma kellux l-intenzjoni li jwegga' lill-vittma, in-natura hafifa tal-griehi sofferti mill-istess vittma Pedro Omoregie, hekk kif jirrizulta mic-certifikat mediku relattiv, kif ukoll il-fatt illi dawn il-griehi gew ikkagunati bl-uzu mill-imputat ta' arma bil-ponta u li taqta', cioe` s-sikkina esebita fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat, il-kooperazzjoni pjena tieghu fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija u l-ammissjoni bikrija tieghu, u tqis illi fic-cirkostanzi ma jkunx xieraq li tigi inflitta piena karcerarja.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 64, 214, 217 u 221(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti qieghda ssib lil MOUSA SULAYMAN MOUSAY BIN HUSAYN hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah piena ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija, izda, peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan**

**il-kaz jissussistu ragunijiet validi biex it-terminu ta' prigunerija jigi sospiz bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna ta' PEDRO OMOREGIE u sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena inflitta qieghda torbot lil MOUSA SULAYMAN MOUSAY BIN HUSAYN b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali fis-somma ta' elf Euro (€1,000) u dan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**Wara li rat u ghall-finijiet tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda wkoll tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* ossia tas-sikkina esebita f'dawn il-proceduri.**

**Il-Qorti qieghda tordna li l-atti tal-proceduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**